MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 105/1997/1

A.F. Ellis Limited .

vs

Monique Gatt f'isimha proprju u f'isem
Interior Design Resources Ltd .

Il-Qorti ,
Rat l-avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuta proprio et nomine tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata li tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tlett mija u erbgħa u erbgħin lira u tmenin ċentezmu (Lm 344.80) dovuti lis-soċjeta' attriċi bħala bilanċ ta' xogħol ta' fornitura u tqegħid ta' madum skond kont anness u mmarkat Dok. A, liema xogħol twettaq fi proprjeta' tal-konvenuta u/jew tas-soċjeta' konvenuta u fuq ordni tal-konvenuta .

Bl-imgħax legali skond il-liġi mit-18 ta' Novembru 1994 sad-data tal-ħlas effettiv .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Mejju, 1995 u tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru, 1995 u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi mħarrka .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta proprio et nomine li eċċepiet :

1. Illi l-eċċipjenti qua fil-kwalita' tagħha personali ma hijiex debitriċi għall-ebda ammont ta' flus li s-soċjeta' attriċi qegħda titlob ;

2. Illi x-xogħol ta' fornitura u tqegħid ta' madum sar fuq ordni w inkarigu tas-soċjeta' Interior Design Resources Limited u mhux tal-eċċipjenti personalment u x-xogħol ta' tqegħid tal-madum sar u ġie esegwit fi proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta ;

3. Illi l-eċċipjenti *qua* managing director tas-soċjeta' konvenuta Interior Design Resources Limited lanqas għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi l-ħlas pretiż billi l-ammont li s-soċjeta' attriċi qegħda tippretendi l-ħlas tiegħu kien ġie paċut ma' somma ugwali li kienet dovuta lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi għal pariti u konsulti relatati ma' xogħol ta' interior designing u xoġħol ieħor konness ma' u anċillari għall-istess ġeneru u saru wkoll l-ispejjeż, liema xogħol u spejjeż saru fuq talba w inkarigu tas-soċjeta' attriċi .

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha ta' 1 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti, sew f'din il-kawża u l-kawża konnessa fl-istess ismijiet (Avviż nru. 106/97) quddiem din il-Qorti wkoll .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tfittex li tiġbor mingħand il-konvenuta proprio et nomine il-bilanċ minn somma akbar dovuta għal xogħol ta' fornitura u tqegħid ta' madum .

Il-konvenuta apparti illi qed tiċħad illi fil-kwalita' personali tagħha għandha xi djun mas-soċjeta' attriċi, tgħid illi kwalunkwe ammont dovut, ġie paċut ma' somma akbar illi s-soċjeta' minnha rappreżentata kellha tieħu mingħand l-istess soċjeta' attriċi . Ma saret l-ebda kontestazzjoni fuq l-ammont *per se* indikat fl-avviż .

Irid għalhekk qabel xejn jiġi deċiż min kien għamel l-ordni għax-xogħol supplit mis-soċjeta' attriċi . Ma ġie esebit ebda kuntratt li seta' sar rigward dan ix-xogħol . Li *statement* esebit ma' l-avviż (Dok. A a fol. 2) datat il-31 ta' Awissu 1997, anqas minn xahar qabel ma ġiet ippreżentata din il-kawża, meta allura kien ovvju illi kien ser ikun hemm il-problemi għall-ħlas, huwa intestat sew f'isem "Interior Design Resources Ltd." kif ukoll f'isem Monique Gatt . Imma *invoice* li ġġib id-data tat-18 ta' Novembru 1994 (Dok. AFE 1 a fol 14), presumibilment meta attwalment sar ix-xogħol (infatti t-talba għall-imgħax qed issir minn din id-data), ġiet intestata lis-soċjeta' msemmija biss, u mhux ukoll lill-konvenuta personalment . L-istess jirriżulta minn *sales return receipt* li ġġib id-data tat-28 ta' Frar 1995 . Dan kollu huwa għalhekk indikattiv illi n-negozju sar mal-kumpanija tal-konvenuta u mhux ukoll magħha personalment . L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet huma għalhekk ġustifikati, u l-konvenuta fil-kwalita' personali tagħha għandha konsegwentement tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju .

Bl-eċċezzjoni l-oħra tagħha l-konvenuta qed tissottometti illi s-soċjeta' minnha rappreżentata kienet wettqet xi xogħol fuq inkarigu tas-soċjeta' attriċi li tiegħu baqgħet ma tħallsitx u għalhekk għandu jkun hemm tpaċija bejn il-krediti rispettivi . Il-liġi tagħna tgħid illi t-tpaċija ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun ċert, likwidu u dovut[1] . Fuq prinċipji simili fil-liġi taljana l-**Giorgi**

[1] Ara art. 1196 u 1197 Kap. 16 .

jgħallem illi : ***“La compensazione legale e’ quella che si fa di diritto in virtu’ della legge, ed anche all’insaputa dei debitori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono per la quantita’ corrispondente.”***[2]

Fil-każ in eżami s-soċjeta’ attriċi qed titlob is-somma ta’ Lm344.80 . Din it-talba tinsab korroborata bl-istatement Dok. A . Infatti l-konvenuta mhix tikkontesta dan l-ammont, kif anke jirriżulta min-nota ta’ l-eċċezzjonijiet u mid-depożizzjoni tagħha . Tikkontendi pero' illi s-soċjeta' minnha rappreżentata kienet għamlet xogħol ta' *design* fuq *showroom* tas-soċjeta' attriċi f'Birkirkara u f'*guesthouse* f'Marsalforn fuq inkarigu ta' Salvu Ellis, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' attriċi .

Rigward ix-xogħol għall-*guesthouse*, irid jingħad mill-ewwel illi ġie ampjament ippruvat bix-xhieda ta' l-istess Salvu Ellis u Peter Theuma, illi din il-*guesthouse* kienet proprjeta' tas-soċjeta' "Savdor Properties Limited", li fiha kellhom sehem l-istess Salvu Ellis u oħtu Doris Theuma, u s-soċjeta' attriċi ma kellha x'taqsam xejn . Ġialadarba m'hemmx dejn bejn l-istess żewġ persuni, jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex tkun tista' ssir it-tpaċija . Għalhekk ma tista' ssir ebda kompensazzjoni bejn xi djun rispettivi .

Rigward ix-xogħol fix-*showroom* ta' Birkirkara, irriżulta illi din tappartjeni lis-soċjeta' attriċi . Skond ittra datata s-7 ta' Frar 1994 esebita mill-konvenuta (Dok. F a fol. 66 tal-proċess tal-kawża nru. 106/1997) il-kont relattiv għax-xogħol ta' *designing* f'din ix-showroom tela' għal Lm250 . Ma jirriżultax illi dan qatt ġie saldat mis-soċjeta' attriċi . Imma mid-depożizzjoni ta' l-avukat Dottor Joseph Ellis, wieħed mid-diretturi ta' din il-kumpanija, jidher illi dan il-kont huwa kontestat, għax allegatament kien hemm xi difetti fid-disinji li minħabba fihom kellhom jiġu alterati xi partijiet mix-xogħol . F'tali ċirkostanzi għalhekk ma jistax jingħad illi d-dejn allegatament dovut lill-kumpanija tal-

---

[2] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol. VIII. para. 5 .

konvenuta huwa wieħed ċert, likwidu u dovut . Konsegwentement ma tista' ssir ebda kompensazzjoni bejn l-ammonti reklamati miż-żewġ naħat .

Għaldaqstant jirriżulta illi l-pretensjoni tal-konvenuta dwar il-kompensazzjoni mhix ġustifikata u ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tintlaqa' fl-intier tagħha .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta proprio u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tagħha kontra s-soċjeta' attriċi, tiċħad it-tielet eċċezzjoni u tikkundanna lill-konvenuta nomine in rappreżentanza tal-kumpanija "Interior Design Resources Limited" sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont mitlub fl-Avviż u ċioe' s-somma ta' tlett mija erba' u erbgħin lira maltija u tmenin ċenteżmu (Lm344.80), dovuti bħala bilanċ ta' xogħol ta' fornitura u tqegħid ta' madum fi proprjeta' tal-konvenuta nomine, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijet legali mit-18 ta' Novembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta nomine .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------